MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 263/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Jason Masini**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Marzu, 2010 ghall-habta tal-10.05 p.m. u/jew fil-granet ta' qabel, Fi Triq Mario Cortis Attard u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi anke jew gew maghmula fi granet u hinijiet differenti, gab ruhu li tali mod li ta fastidju lil Mario Grazio Fava b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 18 u 251A(1)(a) tal-Kap. 9 sabet lill-

appellant hati tal-akkuza kontrih u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant mill-akkuzi migjuba kontrih u minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk din il-Qorti ssib htija fl-appellant ghandha taghti piena aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant ghaddej minn kawza ta' separazzjoni ma martu li qeghda taghmel minn kollox, flimkien mal-kwerelant sabiex ipingu lill-appellant bhala bniedem vjolenti sabiex tiehu l-uzu esklussiv tad-dar. Illi anke waqt il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-kwerelant ammetta li kien "habib" ma mart l-appellant u anke li kien jiffrekwenta d-dar matrimonjali ta' l-appellant waqt li jkun hemm martu.

Il-kwerelant xehed li hu qed iqis fastidju l-fatt li l-appellant hadlu xi ritratti. Pero` biex jghatti xturu qal li r-ritratti ttiehdulu fi Triq Mario Cortis, Attard u mhux hdejn id-dar matrimonjali ta' l-appellant. Din mhix verzjoni veritiera. Il-verzjoni veritiera hi dik ta' l-appellant li qal lis-surgent li kien qed jinvestiga :
*"ghall-habta tal-10 p.m. huwa osserva lil Mario Fava hiereg mid-dar matrimonjali tieghu, Desert Rose, Triq l-ghenieqed, Attard fejn ghadha toqghod il-mara tieghu (Orietta). Ghalhekk fuq parir li tah l-Avukat tieghu huwa hadlu xi ritratti ...... biex jesebihom il-Qorti fil-proceduri ta' separazzjoni li ghaddej minn mal-mara tieghu"* (ara affidavit tas-Surgent).

Xi skop setgha kellu l-appellant kieku kif qal il-kwerelant qaghad johodlu ritratti hdejn il-karozza ghal xejn b'xejn.

Hija aktar veritiera l-verzjoni tal-appellant li minhabba l-fatt li martu qed taghmel adulterju mal-kwerelant ghandu l-bzonn li jiehu ritratti biex jipprova dan.

Il-legislatur, meta haseb dwar il-kwistjoni ta' fastidju, haseb ghal sitwazzjonijiet simili ghal dik tal-appellant. Fil-fatt, artikolu 251A(3)(c) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi bniedem akkuzat b'fastidju jista' jipprova li "fic-cirkostanzi partikolari din l-imgieba kienet wahda ragjonevoli".

L-appellant isostni li l-imgieba tieghu ghandha titqies li kienet wahda ragjonevoli u fic-cirkostanzi kellu kull ragun ghalfejn jiehu rritratti ta' min kien qed jinvadilu l-propjeta` tieghu u anke jharbatlu l-hajja mizzewga tieghu.

Il-kwerelant ghamilha cara li ghalih kien inghata fastidju semliciment ghaliex ingibdu ritratti tieghu u ghal xejn aktar. L-appellant isostni li kien l-istess Mario Grazio Fava li pprovoka din is-sitwazzjoni u m'ghandux jippretendi li jidhol f'dar l-appellant ma martu u li l-appellant ma jkollux dritt jiddefendi l-propjeta` tieghu u jipprova dulterju minn martu u jigi kundannat b'sentenza sospiza ta' habs ghaliex huwa l-vittma ta' cirkostanzi mahluqha minn martu u mill-kwerelant.

F'dan il-kaz l-appellant kien il-vittma w mhux il-bniedem li kkommetta reat.

Ikkunsidrat :

L-appellant qed jigi addebitat bi ksur tal-Ligi ta' natura kontravenzjonali, billi ta fastidju lil Mario Grazio Fava fid-9 ta' Marzu 2010 meta gera warajh bil-kamera tar-ritratti u jigbed ritratti quddiemu.

L-appellant qal illi huwa ghaddej fi proceduri ta' separazzjoni ma' martu u gie moghti istruzzjonijiet mill-Avukat tieghu biex jigbor xi provi. Kien ghalhekk illi ha ritratti ta' Mario Fava hiereg mid-dar tal-mara. Dan ta' l-ahhar kien ammetta illi kien hemm cirkostanzi meta dahal fid-dar ta' l-imputat attwalment okkupata mill-mara.

Id-difiza argumentat li l-Qorti trid tara jekk l-imgieba tal-appellant kienitx ragjonevoli fic-cirkostanzi. Investigaturi privati jaghmlu dan ix-xoghol u jiehdu ritratti u hadd ma jghid xejn. L-imputat kull ma kien qed jaghmel huwa illi jigbor il-provi ghal Qorti biex jirribatti l-agir tal-mara illi kienet qed taghmel diversi rapporti mal-Pulizija w tpingi lill-appellant bhala bniedem vjolenti biex tkeccih mid-dar matrimonjali.

L-Avukat tal-parti leza argumenta illi ma giex ippruvat illi kien hemm xi relazzjoni bejn il-mara tal-appellant u Mario Fava w kien hemm digriet fejn l-appellant tkecca mid-dar matrimonjali minhabba allegat vjolenza. Fi kwalunkwe kaz, il-piena qeghda fil-minimu u m'ghandix tigi varjata w minn dak in-nhar 'l hawn waqfu l-fastidji.

Ikkunsidrat :

Huwa veru illi investigaturi privati jaghmlu dan it-tip ta' xoghol u gieli jiehdu ritratti ta' nies involuti fl-investigazzjoni taghhom, imma zgur ma jmorrux faccata taghhom u jiehdu r-ritratti f'wicchom. M'huwiex ir-ritratt illi huwa l-fastidju imma l-mod kif jittiehhed u billi toqghod tigri wara persuna, bil-kamera f'idejk u tigbed ir-ritratti, jista' jitqies bhala fastidju fis-sens tal-ligi.

L-Ewwel Qorti kellha dawn il-provi quddiemha w waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kellu jkun hati tal-imputazzjoni addebitata lilu.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi wasslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondiet tal-atti u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet waslet ghall-konkluzzjoni illi

waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------